# *Ir-Raħal tal-Għarb fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija*



Miktub minn **Matthew Bajada**
b'informazzjoni mogħtija minn
Charles Bezzina li hu studjuż tal-gwerra

**Il-bidu tat-tħaffir tax-xelters**

F'April tas-sena 1941 bdew jitħaffru x-xelters tal-gwerra madwar il-gżira ta' Għawdex. Dan il-proċess spiċċa f'Ottubru tal-istess sena. Qabel, l-Għawdxin kienu jistkennu mill-attakki tal-ajru taħt xi mejda jew inkella taħt xi ħnejja wiesa li kienet tiflaħ ammont sostanzjali ta' piż ta' ġebel u tifrik. Minkejja dan, xorta waħda kien hawn min kellu xi xelter privat fid-dar tiegħu. Ġeneralment, dan kien ikun jikkonsisti f'kamra waħda żgħira taħt l-art. L-ewwel xelters tħaffru fix-Xagħra u fil-Belt Victoria. Ir-responsabiltà ta' dan ix-xogħol kienet f'idejn ċertu Ġużeppi Savona, filwaqt li ċertu Salvu Mercieca kellu f'idejh dawk tal-Qala, t'Għajnsielem u tan-Nadur. Ix-xogħol tat-tħaffir tax-xelters kien jiġi mogħti mill-"Public Works" t'Għawdex ta' dak iż-żmien.

**Ir-regoli tat-tħaffir tax-xelters**

Min kien ikun irid li jħaffer xi ċella f'xi xelter kellu jġib permess mill-Uffiċċju tal-Protezzjoni, jew aħjar il-"Protection Office". Iċ-ċella kellha titħaffer fi żmien 3 xhur u kellha tkun livell mal-bqija tax-xelter. Bħala kobor kellha tkun madwar 6 piedi wiesgħa, 6 piedi fonda u 7 piedi għolja. Bil-liġi, iċ-ċella ma kellhiex tkun tissakkar. Barra minn hekk ma setgħax jitħalla trab waqt it-tħaffer taċ-ċella. Min kien ikollu xelter kellu jħallas xelin fis-sena. Dawn iċ-ċelel kienu jitħaffru fil-blat mill-baqquniera li kienu jitħallsu madwar sitt liri. Bħala għodod kienu jużaw il-fisien, l-ispnanar u l-bqaqen fost l-oħrajn. Ix-xelter kont tinżel għalih b'tarġ imħaffer fil-blat u kien ikollu minn tal-inqas żewġ bokki differenti bħala prevenzjoni f'każ li xi bokka minnhom tkun ingħalqet bit-terrapien. Fiċ-ċelel kulħadd kien jaħseb għas-sodod, aktarx tat-twavel, biex dak li jkun ikollu fejn jorqod matul il-lejl. Xi wħud kienu jaħsbu għal xi affarijiet skont il-bżonn bħal xi ħofra fil-ħajt li kienet isservi ta' armarju, xi xkaffa bi spiritiera biex jagħmlu xi ftit misħun għat-tfal u kif ukoll xi żewġ siġġijiet u mejda. Kien ikun hemm min kien ikollu anki xi benniena. Minħabba li fix-Xitwa l-blat kien inixxi ħafna ilma, saru bħal ħofor biex fihom jinġabar l-ilma tax-xelter. Il-ħaddiema tal-Gvern kienu jinżlu jbattlu l-ilma hekk kif ix-xelter kien jitbattal min-nies.

**L-epidemija "Scabies"**

In-nuqqas ta' ndafa fuq in-nies u fix-xelters, l-iffular tan-nies għal sigħat sħaħ fix-xelters u n-nuqqas ta' ikel ġab miegħu l-epidemija msejħa "Scabies". Fl-1942, Għawdex kien maħkum minn din l-epidemija li kienet tittieħed ħafna. Is-sintomu ta' din il-marda kien ħakk kbir madwar il-ġisem kollu. Bħala rimedju għal din il-marda, in-nies ta' dak iż-żmien kienu jħalltu l-ħall mal-kubrit u kienu jidilkuh mal-ġisem. Fl-iskejjel kien hemm attendenza fqira ħafna minħabba din il-marda għax kien propju mill-iskejjel li t-tfal kienu jlaqqtu din l-epidemija.

**Ix-xelters fl-Għarb**

Il-ħaddiema li ħaffru x-xelters pubbliċi fl-Għarb kienu Anton Saliba, Ġużeppi Cauchi u Toni Farrugia fost l-oħrajn. Fir-raħal tal-Għarb insibu 7 xelters ewlenin. Insibu wieħed fit-triq il-knisja ħdejn sqaq il-Fgura, ieħor fi triq Molina, ieħor f'Birbuba, ieħor f'Santu Pietru, ieħor fi triq Trux, ieħor fi triq il-Blata u naturalment dak tal-pjazza ewlenija li huwa l-akbar wieħed. Barra minn hekk, fid-djar tan-nies u fl-għelieqi nsibu għadd ta' xelters privati. Ta' min isemmi li t-tħaffir tax-xelter tal-pjazza tal-Għarb sewa madwar 398 Lira Sterlina (£398). Ix-xelter li hemm fil-pjazza ta' raħalna fih għadd ta' kurituri u kmamar u għandu żewġ bokok. Waħda minnhom tinsab ħdejn iz-zuntier fuq in-naħa tax-xellug u l-oħra qiegħda fil-ġenb tal-pjazza fuq in-naħa tax-


Żewġ bokok ta' xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija li jinsab ħdejn iċ-ċimiterju

xellug ukoll. Reċentement, meta kienet qegħda ssir ir-rikostruzzjoni tal-pjazza tar-raħal inkixfet il-bokka tan-naħa tax-xellug.

**Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija fir-raħal tal-Għarb**

Minbarra li fl-Għarb sa mill-qedem kien hemm id-devozzjoni lejn iż-żjara tal-Madonna lil Santa Eliżabetta, fi żmien il-gwerra xterdet ħafna d-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Duluri. Kien propju għalhekk li ħafna mit-talb li kienu jitolbu n-nies tal-Għarb kien talb lill-Madonna tad-Duluri. F'numru 69 fi Triq il-Knisja kien hemm l-"Information Bureau Office". Dan l-uffiċċju li kien jagħti l-informazzjoni dwar il-gwerra u kien ikollu wkoll gazzetti sabiex wieħed seta' jżomm ruħu aġġornat ma dak li kien ikun qed jiġri. Ta' min isemmi li fir-raħal tal-Għarb kien hemm il-Victory Kitchen. Din kienet tinsab f'numru 114 fi Triq il-Knisja u infetħet bejn Lulju u Awwissu tas-sena 1942. Il-Victory Kitchen kienet titma' madwar 30 persuna biss peress li l-biċċa l-kbira tan-nies tal-Għarb kienu bdiewa li jipproduċu l-ikel tagħhom stess. L-ikel li kien jiġi servut fil-Victory Kitchen kien ikun ikel fqir ħafna, bħal ngħidu aħna soppa bi ftit ħaxix, fwied tal-majjal u laħam tal-mogħoż. Fl-1942 ingħata l-permess li fil-Victory Kitchens jibda' jitqassam l-ikel mingħajr ma jitnaqqas mir-razzjon. Il-menu tal-Victory Kitchen kien imqassam b'dan il-mod:

It-Tnejn: Balbuljata bil-piżelli
It-Tlieta: Imqarrum biz-zalza tat-tadam
L-Erbgħa: Minestra
Il-Ħamis: Ħut fil-landi, fażola u tadam
Il-Ġimgħa: Imqarrum biz-zalza tad-tadam
Is-Sibt: Minestra
Il-Ħadd: Laħam bit-tadam u l-fażola

Ir-raħal tal-Għarb ftit li xejn sofra mill-attakki tal-ajru. Madanakollu, darba waħda lejn l-inħawi ta' Santu Pietru kienet waqgħet bomba u kienet ġarrfet żewġ djar. Dakinhar, kien miet raġel taħt it-tifrik. Fortunatament, waħda mara li kienet tinsab ġo waħda minn dawn id-djar milquta mill-bomba, ħelsitha ħafif minħabba l-fatt li din kienet qiegħda taħt it-taraġ ta' waħda minn dawn id-djar li baqa' ma waqgħax bl-isplużjoni tal-bomba. Il-kurċifiss devot li sar fl-1920 mill-istatwarju magħruf Wistin Camilleri u li jinsab fil-kappella tal-Madonna taż-Żejt, kien intlaqat minn shrapnel ta' bomba li b'xorti tajba laqtet il-parti t'isfel tal-injam tas-salib u mhux il-korp ta' Kristu. Jingħad ukoll li darba waħda kienet waqgħet xi bomba lejn l-inħawi Ta' Pinu.

**Jirrakkonta l-mibki Isqof l-E.T. Nikol Ġ. Cauchi**

F'intervista li kont għamilt jien lill-mibki Isqof Nikol Ġ. Cauchi nhar it-30 t'Awwissu 2010, hu kien qalli dan il-kliem dwar żmien il-gwerra fl-Għarb:

*"L-aktar sena kiefra fi żmien il-gwerra għar-raħal tal-Għarb kienet dik tal-1942. Dakinhar kienu jiġu sparati l-maskri biex jagħtu s-sinjal tal-attakk mill-ajru. Mbgħad, aktar tard ġew is-sireni. Konna ngħaddu ħinijet twal ġox-xelter. Fix-Xitwa, ix-xelters kienu jkunu kesħin ħafna u kienu jkunu mimlijin bl-għadajjar tal-ilma. Għalina kienet tkun avventura li ninżlu fix-xelter* għax konna għadna tfal. *L-Għarb kien raħal agrikolu u għalhekk ma tantx batejna ġuħ. Kważi ġo kull dar kont issib mitħna tal-ġieri li kienet titħaddem b'annimal u li kienet titħan il-qamħ biex ikun jistà jsir id-dqiq. Barra minn hekk konna nitħnu wkoll il-kafè. Il-ħobż kien skars ħafna u kienu jiġu diversi affarijiet fil-landi bħal corned beef. Kien żmien ikraħ ħafna li żgur m'hu ser ninsa' qatt. Kien żmien li ċertament ser jibqa' mnaqqax fil-memorja ta' kull minn esperjenzah!"*